IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1958

# TIFKIRIJIET NAZZJONALI

*FL-EWWEL żewġ faċċati tan-Numru ta' Settembru-Diċembru ta' IL-MALTI tas-sena li għaddiet tkellimna fuq l-ISMIJIET TAT-TOROQ fejn kien hemm imfisser bir-reqqa kollha t-tifsira tradizzjonali u storika, kif ukoll il-fejda u l-importanza nazzjonali ta' l-ismijiet li jingħataw lit-toroq. Għalkemm xi ismijiet qodma tat-toroq ma kinux jagħtuna t-tifsira meħtieġa ta' ismijiethom, għax kif għandna naħsbu kienu miktubin tradizzjonalment b'Taljan jew b'Malti mgħawweġ, jew miktubin ħażin mal-ħitan għal darba u tnejn, nistgħu ngħidu illi f'dawn l-aħħar tletin sena ta' Gvern Kostituzzjonali l-Gvern ħaseb biex ma' l-isem ta' triqat ġodda, jarġa' jlaqqam it-triqat il-qodma b'dak l-isem li kien ingħata l-ewwel darba, iżda flok bit-Taljan jinkitbu bl-Ingliż u bil-Malti. Din kienet ħaġa ta' taħbil il-moħħ, l-iktar meta din ix-xewqa tal-Gvern ħabtet sewwa sew max-xejra politika tiegħu, meta, fl-1928, qata' li t-triqat jissemmew bl-Ingliż u bil-Malti.*

*Ġara, għalhekk, illi b'inkejja ta' l-intenzjonijiet tajba ta' l-awtoritajiet, il-ħeġġa u ħrara li jitbiddel is-sistema dwar l-ilsna ġodda li bihom jissejħu t-triqat, fl-iqsar żmien li sata' jkun, ġie li xi ismijiet ta' toroq qodma ma ssemmewx bl-Ingliż u bil-Malti skond dak l-isem oriġinali tat-triq, jew aħjar it-traduzzjoni bl-Ingliż u bil-Malti ma kinetx twieġeb sew sew skond l-isem qadim tat-triq bit-Taljan.*

*Tarġa' xi ismijiet ġodda li bdew jingħataw lil xi triqat ma kinux iwieġbu ma' l-istorja jew mat-tradizzjoni, u dan in-nuqqas kien ħtija ta' sistema amminstrattiva fil-għażla ta' nies għal din il-biċċa xogħol, li xi mindaqqiet kienet taqa' f'idejn bniedem wieħed, li għalkemm sata' kien tajjeb għal dik li hi lingwa bl-Ingliż jew bil-Malti, kien nieqes minn xi informazzjonijiet storiċi jew tradizzjonali.*

*Ta' min ifakkar li dari fi żmien il-Gvern Kolonjali biex jingħata isem ġdid lil triq kien l-ewwelnett jindaħal il-Kumitat ta' l-Antikitajiet biex jagħti l-parir tiegħu, u, dan ma kienx jaqtagħha addoċċ qabel ma jagħmel l-istħarriġ tiegħu tradizzjonali u storiċi tat-triq li tkun, jew tal-ħaġa jew persuna li jkollha x'taqsam*

*ma' l-isem propost tat-triq, barra milli jsir stañrig ukoll fil-parroċċa tal-post, belt, sobborg, jew raħal. Dan ma baqax isir.*

*Hija ħaġa tajba għalhekk li l-lum inħatret Kummissjoni speċjali biex wara li tistudja u tagħmel l-istañrig meħtieġ tirrivedi l-ismijiet qodma tat-triqat u toħloq ismijiet ġodda li jixirqu għal dawk it-triqat li jinfetħu ġodda.*

*Bħalma ngħad fl-editorjal ta' IL-MALTI ta' Settembru-Diċembru, 1957, dawn l-ismijiet tat-toroq huma iktarx, biex ngħid hekk, paġni mill-istorja nazzjonali, milli ismijiet toponamastiċi, topografiċi u tradizzjonali tal-belt, subborg, raħal jew inħawi, u għalhekk ir-reqqa li tinħtieġ fil-għoti ta' l-isimijiet ta' dawn it-triqat hija ħaġa serja daqs kemm hi serja l-kitba storika u topografika ta' pajjiż.*

*Għal dak li hu isem ta' dawk li jirrappreżentaw il-figura storika ta' persunaġġi li għamlu ġieħ lil art twelidhom għal xi ħidma patrijottika, xjentifika, letterarja jew filantropika tagħhom, isimhom fil-kantuniera ta' triq, li tfakkarna wkoll it-triq fejn għaxu jew mietu, huwa tifkira l-iktar għażiża għal dak il-post. Jisgħobbina, iżda, ngħidu illi xi triqat huma msemmijin b'ismijiet ta' nies magħrufa li qatt ma għaxu jew mietu fil-post fejn dawn it-triqat huma msemmijin għalihom. Ma' dak li ntqal f'dak l-editorjal, jisgħobbina wkoll ngħidu li f'dawn l-ismijiet ġie li kien hemm xi nuqqas, biex ma ngħidx ukoll xi vojt, li xi minndaqqiet imtela' bl-isem ta' nies li ma kellhomx dak il-mertu li kellu ħaddieħor.*

*Huwa għajb li s'issa l-isem tal-mejjet Kav. Gużè Muscat Azzopardi għadu ma deherx f'xi waħda mit-triqat ta' raħal twelidu. Il-Għaqda kienet tqanqlet kemm il-darba u kitbet lill-Gvern, imma s'issa ebda pass ma ttieħed biex jingħata dan il-ġieħ għall-merti patrijottiċi u letterarji tiegħu.*

*Mal-ħtieġa li t-triqat jissemmew bl-isem ta' nies kbar Maltin, hemm ħtieġa li nixtiequ li l-Gvern jieħu ħsiebha; fuq hekk għandna wisq x'nitgħallmu minn pajjiżi oħra.*

*Naraw li huwa daqsxejn ta' għajb li wara s-seklu dsatax u u l-bidu tas-seklu għoxrin fil-Gonna Pubbliċi tagħna ma għadniex naraw dawk il-monumenti li jfakkruna f'nies li għax-xogħol tagħhom fix-xjenza, letteratura, patrijottiżmu u filantropija jistħoqqu li isimhom jibqa' mfakkar, u dana sew fil-Gżira ta' Malta u kemm fil-Gżira t'Għawdex. In-Nazzjon Maltija tagħna tidher ukoll li fl-imgħoddi u f'dawn l-aħħar snin kienet u għadha*

*daqsxejn waħda xħiħa għat-twettiq ta' dawn it-tifkirijiet monumentali jew lapidarji kif dlonk naraw jekk il-lum inżuru t-tliet Ġonna Pubbliċi tagħna. L-aħħar tifkira monumentali li twaqqfet (mingħajr ma nistgħu ngħidu "waqqafna") hija dik ta' Lord Strickland—waħda mill-figuri li tfakkarna fil-karriera sabiħa u diplomatika ta' dan il-bniedem ta' demm Malti—iżda għad jonqsu figuri oħra ta' rjus Maltin li jistgħu joqogħdu ma' ġenb oħrajn li naraw iżejnu l-ġonna pubbliċi ta' artijiet oħra, bħal Sqallija u l-Italja, biex ma ngħidux Franza, u artijiet oħra.*

*M'għandniex x'ingħidu, aħna ma nistennewx li titwaqqaf xi tifkira monumentali jew lapidarja 'lil nies illi l-fama talpatrijottiżmu tagħhom hija iktarx leġġendarja milli storika, jew lu nies illi fix-xogħol tagħhom diplomatiku ma nistgħux ngħidu illi l-motivi tal-ħidma tagħhom kienu iktarx ta' interess politiku individwali milli ta' veru patrijottiżmu. iżda mbagħad ma għandniex nibqgħu hekk xħaħ lejn il-figura patrijottika ta' Dun Mikiel Xerri, barra minn dik ta' xi lapida kommemorativa malħajt tad-dar fejn kien igħix.*

*Għal dik li hi ħidma artistika li għamlet ġieħ lil Malta, saħansitra f'pajjiżi hekk kbar bħalma huma l-Italja, Franza, il-Ġermanja u r-Russja, kien jixraq, illi l-lum titwaqqaf xi tifkira monumentali lill-kbir artista tagħna Antonio Sciortino, kif ukoll lil nies bħalma huma Calì, Caruana Dingli u xi oħrajn.*

*Fuq hekk aħna ma nistgħux ngħidu li mxejna wisq fuq l-eżempju ta' nazzjonijiet oħra li jħobbu jfakkru l-figura ta' nies kbar tagħhom b'xi lapida mal-ħitan tad-djar li fihom ikunu għaxu dawn in-nies.*

*Għandna, madankollu, ix-xorti li naraw xi ftit minn dawn id-djar li b'xi erba' kelmiet imnaqqxin mal-ħitan ta' barra jfakkru xi wħud minn dawn in-nies li f'ħajjithom għamlu xi ġid lil pajjiżhim. Insemmu, fuq hekk, fost tifkirijiet oħra ta' din ix-xorta, id-daqsxejn ta' lapida kommemorattiva li xi ħbieb u dawk li għożżu l-Malti, waħħlu xi snin ilu mal-ħajt tad-dar fejn kien, fl-aħħar snin ta' ħajtu, għax fiha u miet wieħed mill-bennejja tal-Lsien Malti, li kien Ġanni Vassallo. Xtaqna li ħaġa bħal din tħajjar lil xi Kumitat storiku u letterarju jaħseb biex għallinqas pajjiżna ma jonqosx li 'l quddiem jitwaqqfu xi tifkirijiet bħal dawn, fejn l-isem ta' xi nies kbar tagħna ma jidhirx imfakkar għallinqas f'xi isem ta' triq, ħaġa li hija għażiża daqs l-aqwa monument.*

*Haġa li laqtitna kemm-il darba u ta' min igħożżha, hija dik il-kollezzjoni qadima u ġdida ta' kwadri li jżejnu l-ħitan ta' ġewwa l-Università bix-xbieha ta' nies għorrief li f'xi żmien jew ieħor kellhom x'jaqsmu ma' dak il-Palazz tal-Għerf; fost dawn it-tifkiriet jinsabu wkoll xi busti, li tqiegħdu f'kamra għalihom, jiġifieri f'daqsxejn ta' mużew ċkejken. Iżda ma' dawn il-busti xtaqna wkoll li jidher xi wieħed jew tnejn li f'xi żmien (iktarx fi żmien il-gwerra) kienu ndifnu f'xi rokna jekk mhux ukoll f'xi sotterran, u li għadhom ma tawhomx il-post li jixirqilhom.*

*Kien hemm il-ħsieb illi meta l-bini ta' l-Università jitgħaqqad ma' dak li kien użat bħala Liċeo, u l-lum użat bħala Skola Sekondarja tal-Bniet, jinħatru xi swali minn dan il-bini li jkunu jservu bħala mużew, fejn mal-busti li hemm diġà jiżdiedu oħrajn ġodda ta' nies li f'ħajjithom issemmew fil-karriera professjonali, xjentifika jew letterarja tagħhom. Jalla dan il-ħsieb iseħħ u b'hekk jimtela vojt li jpatti għan-nuqqas ta' dawn it-tifkirijiet nazzjonali.*

Aumona

## AVANTE!

Ta' WALLACE PH. GULIA

La tħarisx lura. Aħseb biss f'li ġej;
dak li kien kien u qatt ma jerġa' jiġi.
"Li kieku" qatt ma seħħ —
minn t'issa biss li ġej joħroġ u jsir.

La taqtax qalbek; la tibżax; ittama;
jekk ma tiqafx lir-riħ jaqsmek u jfarrkek;
il-mewġ jibilgħek jekk ma taħkmux taħtek;
il-ħajja tagħmlek tlief.

Tlift il-lum?
tgħallimt u tirbaħ għada.
Titlef għada? Jasallek pitgħada,
u wara pitpitgħada hemm il-ġimgħa,
ix-xhur u s-snin li għad iż-żmien iwelled.

Fis-sema l-kwiekeb jiddu fuq iċ-ċpar tax-xitwa.

# Mill-Qamħa għall-Ħobża

*(Jaqbad man-nru. ta' Marzu, 1958, faċċ. 27)*

*Ta'* Patri Giuseppe Meilak, S.J.

## 3. IL-WIĊĊ

WARA erbgħa jew ħamest ijiem, il-qamħ, jekk isib l-art miblula sewwa, jew kif igħidu, isib it-tira x'jarda', u x-xemx issaħħnu, iġelben, u jibda tiela' tajjeb. Il-bidwi tarah imur filgħalqa tiegħu biex jara l-wiċċ kif inhu sejjer.

Tara nhar ta' Ħadd filgħodu ħafna bdiewa, wara li jkunu semgħu l-quddiesa tat-tmienja u nofs, imorrulek il-kampanja, iduru minn triq għall-oħra biex jaraw l-għelieqi, u jekk l-annata hix tajba, ħalli jkollhom fuqiex jitkellmu ġewwa l-ħanut wara ta' l-Imwiet.

Ma' Frar il-wiċċ ikun kiber u sar ġmielu.

Kemm hu sabiħ dak il-ħaxix (1) tal-qamħ, li max-xahar ta' Marzu x-xitla tiegħu għoliet dawk iż-żewġ piedi, jew ukoll tnejn u nofs, tarah b'dawk il-werqat tawwalin milwijin waħda għal fuq l-oħra, u 'l hawn u 'l hinn dak l-aħdar tal-għalqa miksur bil-ħabb il-qamħ u bil-peprin!

U l-Ingliża? Din l-imbierka xitla, minn mindu daħħluha fi Gżiritna, żegħdet mar-raba' kollu. Il-bidwi, fejn jista', mingħajr ma jgħaffeġ ix-xitel tal-qamħ, jaqlagħha bil-għeruq b'kollox u, jew jarmiha barra mill-għalqa, jew inkella jekk għandu frat u għanem jagħtihielhom jiekluha. Mhux għax kieku nnwar tagħha mhux sabiħ!... imma!

Ma' nofs Marzu x-xitel tal-qamħ jibda jsebbel, u sal-Lunzjata (25 ta' Marzu) is-sbula ħadet il-kobor tagħha u tibda tonfoħ, għax timla kull kmajra bil-ħaliba. Dik il-ħaliba, bil-ftit ilftit, taħt is-sħana tax-xemx tar-Rebbiegħa, u b'dak ir-riħ, la qawwi u lanqas mejjet, li jxengel is-sbul, tagħqad u ssir qamħa.

Ma' Ġunju l-ħaxix tal-qamħ nixef kollu, u issa l-bidwi ma jsejjaħlux aktar ħaxix, imma żara'.

'L hawn u 'l hinn xi sbula, minflok ma trabbi l-qamħ, tagħmillek frak iswed kollha kemm hi, għax mardet: sbula minn

dawn tissejjaħ ħarkusa. Araw Alla kemm jaf jagħmel kollox sewwa (Deus omnia bene fecit! Cfr. Marc. VII, 37), dik il-ħarkusa mhix ta' ħsara għall-bidwi, għax kif sirt naf minn wieħed mill-bdiewa, dik il-ħarkusa ddakkar is-sbul tal-qamħ, mela hi ta' fejda.

Rajtuh kemm hu sabiħ wiċċ iż-żara' meta, bħal medda ta' wiċċ il-baħar, imewweġ waħda wara l-oħra għal kull żiffa tarriħ li tgħaddi minn fuqu?

Xi pitturi juru 'l Ġesù miexi qalb iż-żara', u dment li t-tnax l-Appostlu ġejjin warajh, jgħidilhom: "Iż-żera' hu bil-qawwi, imma l-ħaddiema huma ftit" (Luc. X, 2).

## 4. IL-ĦSAD

Il-bidwi minn mindu kien żara' l-qamħ sa ma jasallu żmien il-ħsad, ftit jew xejn ikollu xogħol fil-għalqa, iżda meta jibda jaħsad, żmien li tkun bdiet sewwa s-sħana, jerġa' jiftakar fil-kundanna t'Alla l-imbierek: "Tiekol il-ħobż..." eċċ.

Il-qawl Malti jgħidlek: "F'Mejju aħsad imqar kien plejju". F'Mejju x'taħsad? Ix-xgħir. Il-qamħ jinħasad wara li jkun daħal sewwa Ġunju.

Mhux dejjem isir il-ħsad. Nagħmlu li l-art tkun tal-bajjad, il-ħsad isir għax l-art tkun iebsa. Nagħmlu iżda li l-art tkun tal-ħamri, art ratba, il-ħsad ma jsirx, imma ż-żara' jiġi miġbud mill-art bl-għeruq b'kollox.

Ħalli naraw iżda kif isir il-ħsad. Il-bidwi jinżillek għarrkobbtejh fl-art quddiem iż-żara' kollu taħt għajnejh; b'idu x-xellugija jaħfen kemm jista' z-zkuk taż-żara' niexef, u bil-leminija jaqtagħhom bil-minġel. Issa billi hu jaf kemm sejra tagħtih tiben l-għalqa tiegħu, għalhekk, jekk ma' tul is-sena jeħtieġlu ħafna tiben għall-għalf, jaħsad 'l isfel u jħalli l-qasbija għolja biss maż-żewġ pulzieri; u jekk ma jkunx irid bosta tiben jaħsad fil-għoli ta' xiber, xiber u nofs (2). Mela l-qasbija jew hi maqtugħa baxxa, jew hi għolja; il-baxxa tmur għall-mogħoż, il-għolja għall-furnar.

Meta l-bidwi jkun qala' mill-art, jew ħasad, l-ewwel troffa taż-żara' imiddha fl-art ,imbagħad iqiegħed fuqha troffa oħra, u oħra, u oħra, sakemm jidhirlu li minn dawk it-trofof jista'

jagħmel qatta. Ftit 'il bogħod jerġa' jmiddu trofof oħra, għal qatta ġdida; u hekk jibqa' sejjer jaqla' jew jaħsad it-trofof sakemm iż-żara' jkun meddu kollu.

Biex jorbot il-qatet jieħu f'idejh daqs għaxar xitliet taż-żara', ineħħilhom is-sbuul, u jerġa' jieħu daqshekk ieħor, inaddafhom mis-sbul ukoll. Iż-żewġ manati tax-xitliet jisbikhom tajjeb, u jorbothom ma' xulxin mit-truf, mnejn qata' s-sbuliet. Il-għoqda jrossha tajjeb billi jżomm dritta r-rabta minn quddiem, ma' taħt irkobbtejh, jitfa' lura l-ponnijiet, u jfettaħ riġlejh.

Igħaqqad rabtiet kemm gżuz hejja biex isiru qatet.
Il-qatet kollha flimkien, minn plural isiru bl-isem singular: "il-qatt".

Issa l-bidwi jwaqqaf ma' xulxin il-qatet, bis-sbul 'il fuq, tmienja, tmenja, u hekk ikun għamel it-tagħbija (3). Iżda l-bdiewa tal-Għarb (Għawdex) kull tagħbija jagħmluha ta' tnax-il qatta; kos, bħalma nsibu li kienu jagħmluha l-Iżraeliti. Tiftakru f'dik l-ewwel ħolma li Ġużeppi, bin Ġakobb, f'dar missieru, qal lil ħdax ħutu, li holom bil-lejl?: "Ara, aħna konna norbtu l-għamar (il-qatet) f'nofs il-għalqa, u hemm hi l-għamra tiegħi tqum, u tibqa' wieqfa, u l-għamar tagħkom iduru madwar l-għamra tiegħi u jinxteħtu quddiemha (u jitmejlu għal fuqha)" (Cfr. Gen. XXXVII, 7, 8, Ediz. Saydon). Bdiewa oħra l-qatet imidduhom fl-art u jqegħduhom fuq xulxin: l-ewwel erbgħa, waħda fejn waħda minn tulhom, imbagħad tlieta mimdudin fuqhom, minn tulhom ukoll bħal ta' l-ewwel, u l-aħħar waħda msallba fuqhom.

U hemm fil-għalqa l-qatt jibqa' xi ġranet għax-xemx biex jinxef aktar. Għaliex aktar ma s-sbula tkun niexfa u mqarqċa, aktar ħafif jitfesdaq minnha l-qamħ.

## 5. L-ANDAR

L-andar isir fil-għalqa li fiha ż-żara' jindires, u minn hemm imbagħad il-bidwi jiġbor it-tgħam u jġorru d-dar.

L-andar jieħu xogħol ta' ġimagħtejn, tlieta, erba' ġimgħat skond ma jkun hemm żara' għad-dris. Il-bidwi għax-xogħol ta'

l-andar jeħtieġ li jkollu tnejn jew tlitt irġiel miegħu; waħdu ma jistax ilaħħaq.

Issa waqt li l-qatet taż-żara' għadhom għax-xemx fil-għalqa sidhom jaħseb biex jagħmel l-andar .

L-ewwel xogħol ta' l-andar hu t-tħejjija tal-qiegħa.

i) **Il-Qiegħa.** — Jekk il-bidwi għandu xi għalqa qrib daru, fiha jagħmel l-andar, sabiex ikun dejjem taħt għajnejh, u hu jkun jista' jindukrah x'ħin hu d-dar. L-għalqa fejn isir l-andar trid tkun battala.

Il-bidwi f'nofs il-għalqa jwaħħal musmar, jew xi witet tal-għuda, u jħallih għoli mill-art xi xiber u nofs jew xi xibrejn. Jieħu ħabel twil, u f'tarf il-wieħed jagħmel għerwa (ħolqa) mill-ħabel stess; idaħħalha fil-musmar, u bil-ħabel f'idu jitbiegħed minnu, u jieqaf fejn jidhirlu li t-tul tal-ħabel, mill-musmar sa fejn waqaf, sejjer ikun in-nofs tal-wisa' tal-qiegħa li jrid jagħmel. Hemmhekk jagħmel għerwa oħra fil-ħabel u jdaħħal fiha l-marloċċ ta' l-imgħażqa. Iżomm b'idejh it-tnejn, u jfannad fit-trab l-azzar ta' l-imgħażqa fejn jagħtih il-ħabel miġbud tajjeb. Jibda jimxi lura bil-mod il-mod billi jżomm dejjem l-imgħażqa fit-trab, u l-ħabel dejjem miġbud: hekk ir-radda li tagħmel l-imgħażqa hi dejjem imgħawġa 'i ġewwa lejn il-musmar, saret qawra sħiħa, qawra bid-dimîs, donnha saret bil-kumpass!

Malli dan il-bidwi jaqla' barra l-musmar, iwarrab il-ħabel, u jibda jonqox l-art, tal-qawra kollha, bl-imgħażqa, jew b'lexxuna (aħjar imma bl-imgħażqa); imbagħad ibixxha bl-ilma sewwa u jroxxha, ħafif ħafif, bit-tiben ta' għamnewwel (tas-sena l-oħra).

Wara dan ,jibda jrossha, irossha, b'saqajh, sakemm dak it-tiben jeħel mat-tajn, u t-tajn bħal donnu tnixxef. Imbagħad igħaddi fuq il-qawra r-romblu, u issa mix-xmiel, u issa minn nofs in-nhar, issa mix-xerq u issa mill-għarb, u issa minn hawn u issa minn hinn, sakemm il-qawra kollha saret wiċċ wieħed, magħqud, iebes, bla ebda xaqq jew ħofra. Il-bidwi dik il-qawra hemmhekk maħduma, isejħilha l-Qiegħa. Il-qiegħa li għamel jgħattiha bil-qatt taż-żara' u jħalliha hekk mgħottija dawk it-tlieta jew erbat ijiem sabiex tilħaq tinxef tajjeb, imma le ma tinqasam u tagħmel x-xquq, bis-sħana tax-xemx.

Hemm minn dawk l-bdiewa, li l-ewwel jagħmlu l-qiegħa,

imbagħad jaħsdu, sabiex ituħa żmien sewwa biex tilħaq tagħqad u tinxef sewwa.

Il-bidwi, wara li lesta l-qiegħa u nixfet, megħjun minn tnejn jew tliet ħaddiema, iġorr għal fejnha t-tagħbijiet taż-żara'. Malajr jibdew ġejjin il-karrettuni mgħobbijin bih.

Ħalli issa ndaħħal ħaġa f'oħra. Minn xi daqqiet tnejn jew tliet bdiewa jiftiehmu li jagħmlu andar wieħed, u jgħinu 'l xulxin fix-xogħol, mingħajr imma ma jħalltu ma' xulxin iż-żara' ta' kull wieħed minnhom: kulħadd tiegħi tiegħi u tiegħek tiegħek. Mela kull wieħed iġib iż-żara' tiegħu fejn il-qiegħa waħdanija.

Iħottu l-karrettuni u jibdew jibnu t-tagħbijiet tal-qatt bħal ħajt ohxon, għoli daqs ħajt ta' għorfa lejn it-tramontana, mgħawweġ bħalma hi mgħawġa fix-xifer tagħha l-qiegħa. Bogħod minnha kemm jista' jgħaddi karrettun. Dan il-bini tal-ħatt jissejjaħ: Ħalla. Jekk bdiewa oħrajn idaħħlu t-tagħbijiet tagħhom, jibnu kull wieħed il-ħalla tiegħu. U hekk kont tara l-qiegħa mdawra kollha bil-ħalel, biss kien ikun hemm fetħa li minnha jkun jista' jgħaddi karrettun.

Dan hu l-andar.

ii) **Id-Dris.** — Il-bidwi ma jitlifx żmien, ħalli x-xemx ta' Ġunju u ta' Ġinjett (Lulju) tagħti fuqu bla ħniena u l-għaraq nieżel miegħu addoċċ! Ma ngħidx li le, dawk li jkunu jaħdmu fl-andar ikunu libsin ħafif, u aktarx ikollhom fuqhom ilbies tal-qotnina.

Mill-ħalla jieħu l-qatt, iħollhom mir-rabta.

Issa, kemm il-darba ż-żara' ma jkunx maħsud, imma maqlugħ mill-art tal-ħamri bl-għeruq b'kollox, il-bidwi, fl-andar, jaqta' barra dawk l-għeruq. Ma' ġenb il-qiegħa, jew wara l-ħalla, iwaħħal fl-art stanga ħoxna tal-għuda, u mal-għoli ta' sidru jwaħħal fiha femminella (xogħol ta' ħaddied) u f'din idaħħal id-denb ta' minġla. U troffa wara troffa taż-żara' jibda jisserra dawk l-għeruq. L-għeruq, maqtugħin u mfarfrin mit-trab, imorru għall-mifrex ta' taħt il-bhejjem.

Iż-żara' nadif mill-għeruq u r-rabtiet tal-qatt, u s-sbuliet li kienu maqtugħin minnhom, il-bidwi jitfa' kollox fuq il-qiegħa, jifirxu sewwa magħha kollha kif iddur... u jitfa' fuqha żara', u

żara' ieħor, dejjem maħlul, sakemm jiġi l-medd kollu għoli dawk iż-żewġ piedi, jekk mhux aktar.

Ma ninsewx li fl-andar il-bidwi jkollu miegħu dawk ir-rġiel li jew huma sidien tal-ħalel li daħħlu, jew ħaddiema mikrijin, u mqabbdin minnu.

Il-bidwi jġib il-bhima għad-dris, u jekk ikunu tnejn jew tlieta, jorbothom maġenb xulxin, ras ma' ras. Il-ħabel li jorbothom jgħidulu: surrieq. B'ħabel ieħor twil jorbot għonq il-bhima. Jekk il-bhejjem tad-dris ikunu tnejn, il-ħabel it-twil jintrabat ma' għonq dik li sa tkun in-naħa ta' ġewwa għal nofs il-qiegħa; jekk imbagħad il-bhejjem flok tnejn sejrin ikunu tlieta, iċ-ċimi twal ikunu tnejn, għax il-bidwi jżid oħra ma' għonq dik li tkun in-naħa ta' barra: dan sabiex it-tliet bhejjem huma u jidirsu ma jiżbandawx, u jitbiegħdu minn xulxin.

Il-bidwi jgħammad il-bhima, jew bhejjem qabel ma jibda x-xogħol tad-dris, bħalma tiġi mgħammda l-bhima tas-sienja, jew ukoll tal-mitħna tal-miexi, sabiex ma tistordix hija u ddur.

Dak ir-raġel li għandu jmexxi d-dris, jieħu f'idu l-waħda ċ-ċima, jew iż-żewġ ċimi, u fl-oħra l-iskuljata (frosta), u mas-sejħa: "Alla magħna!" inizżel l-ewwel daqqa biha, u jagħti l-amar: "ħajj!"

Is-sewwieq, jew derries, joqgħod dejjem f'nofs il-qiegħa, bil-wieqfa, u waqt li l-bhima jew bhejjem iduru, iduru, issa maxxifer tal-qiegħa, issa ftit aktar il-ġewwa, u issa ħafna lejn in-nofs tagħha skond ma jissikka ċ-ċima jew ċimi, hu dejjem idur fuqu nnifsu, dejjem għajnejh fuq il-bhima jew bhejjem.

U dur u ġib min idur, siegħa, sagħtejn, erbgħa, tmien sigħat, il-lum, għada, pitgħada: id-dris beda u sejjer ġmielu.

*(Jissokta)*

1) Ix-xitel tax-xgħir ma jissejjaħx ħaxix, imma furrajna.

2) Meta jagħmel l-"Itriq" (riħ sħun u niedi) mad-daqqa tal-minġel it-troffa ma tinqatax tajjeb, u l-qasbija tintena.

3) Għas-silla ma jgħidux "tagħbija", imma "ħemel"; tnax-il qatta jagħmlu l-"kief".

# IL-KAMRA TAL-BANJU

*Ta'* ALBERT M. CASSOLA

SIBNA ruħna wiċċ imb'wiċċ quddiem il-kamra tal-banju. Hu kien liebes ġobba di kamra lewn il-porporina tgħajjat u jiena ġobba-di-kamra ħamra nar. It-tnejn konna lmaħna lil xulxin u fittxejna li naslu l-ewwel, iżda kollu kien ta' xejn. Wasalna, intenni, sewwa sew flimkien, u għalhekk kellna nġibu ruħna ta' edukati. Inzertajna t-tnejn nies li jafu sewwa l-affarijiet kif imorru.

"Għaddi int l-ewwel," għidna t-tnejn flimkien lil xulxin, waqt li flimkien qisna li nwarrbu min-nofs, donna miftehmin. Qbadna nidħku u jiena fittixt fil-bwiet ħalli nara nsibx xi soldi x'ngħolli biex naqtugħha min igħaddi l-ewwel; imma min hu li jżomm il-flus fil-bwiet tal-ġobba-di-kamra?

Biss l-ieħor sab buttuna.

"Liema naħa tagħżel?" staqsieni.

"In-naħa l-oħra," weġibtu.

Iżda lanqas ħaqq il-għażla li qgħadna nagħmlu għaliex meta għolla l-buttuna fl-arja, din ma reġgħetx niżlet. Il-buttuna ma sabitx fejn tmur u waqfet fuq wieħed mill-brazzi tal-linfa ċkejkna. U waqt li aħna bqajna nħarsu bi mneħirna 'l fuq, ġie xi ħadd li ma qagħadx jaħsibha darbtejn biex jiżgiċċa minn bejnietna u jibqa' dieħel dritt dritt fil-banju. Aħna t-tnejn ħadnieha kif ġiet u bil-qalb it-tajba nfridna bil-ħsieb li x-xorti ma terġax tilgħabna darb'oħra.

Wara xi ħamsin sekonda rġajna' ltqajna t-tnejn quddiem il-bieb ta' kamra oħra tal-banju.

"Xi ngħidu?" staqsejtu. "X'biħsiebek tagħmel issa?"

"Taf kif nagħmlu," qalli, "nersqu ftit lura minn hawn u nieħdu ġirja. Min jasal l-ewwel......"

"Tajjeb wisq......"

Wieħed, tnejn, tlieta...... Ħrabna qisna bil-molol, iżda wkoll did-darba rġajna' wasalna flimkien. Flimkien ħtafna l-pum tal-bieb, flimkien dħalna u, għalhekk, kellna niskużaw ruħna ma' waħda sinjura u noħorġu 'l barra mill-ġdid.

U hawn irrid infisser li n-nisa ta' ċerta età li jinsew jissakkru fil-kamra tal-banju għandhom iġagħluhom iħallsu multa kbira.

"Sa jkollna nibqgħu bla banju," gergirt jiena lill-ieħor wara li għadditilna ftit il-qatgħa.

"Hekk le!" weġibni. "Ħalli ngħidlek kif nagħmlu. Aħna

qegħdin fir-raba' pjan. Mela inti mur fit-tielet u jiena nitla' fil-ħames. Naħseb li b'hekk jirnexxielna ma nerġgħux niltaqgħu darb'oħra."

"Nittama......" laqlaqt jiena. "Imma ma nafx".

Infridna għat-tieni darba, u jiena nżilt fil-pjan ta' taħt; u kif ilmaħt minn bieb imbexxaq il-kamra tal-banju miftuħa u vojta fit-tarf tal-kuritur, tlaqt niġri għaliha bla ma qgħadt naħsibha darbtejn. Iżda malli tlaqt niġri kemm niflaħ xi ħadd li ħareġ ma nafx minn fejn fetaħ malajr il-bieb u nqafel ġewwa. Jiena għaraft minnufih il-ġobba-di-kamra lewn il-porporina tgħajjat.

"Lilek!" għajjatt b'saħħti. "Qed tagħmel apposta!"

Iżda l-libsa lewn il-poporina tgħajjat kienet ġà ssakkret ġewwa wara li sabbtitli ma' wiċċi l-bieb. Bdejt naqta' qalbi, u stabart biss meta ftakart li jekk l-ieħor kien daħal fil-kamra tal-banju tat-tielet pjan jien kont nista' nidħol f'dik tal-ħames. Niġri kemm niflaħ, tlajt iż-żewġ indani tat-taraġ, u kif wasalt waqajt fi driegħ raġel liebes ġobba-di-kamra lewn il-porporina.

"Kif tinsab hawn int? Din kif inhi?' ' qalli jħares bl-ikreh.

Jiena poġġejt mal-ħajt għax tatni bħal mejt.

"Imma inti m'għadekx kif kont fit-tielet pjan?" lissint jien mistagħġeb.

"Kif qatt stajt kont hemm jekk jien ninsab hawn?" qalli hu.

"Tabilħaqq. Imma kif tinsab hawn jekk inti qiegħed hemm?" irġajt bdejt inzekzek. "'Taħtna hemm biss banju vojt, u jien rajt il-ġobba-di-kamra tiegħek dieħla f'dik il-kamra tal-banju."

"Xi tgħodd il-ġobba-di-kamra?...... Ma jistax ikun hemm min għandu ġobba-di-kamra bħal tiegħi? Kif jiġu l-affarijiet! Xejn issa nilbes bla ma nieħu l-banju."

"Hekk nagħmel jien ukoll," tnehidt.

Inżilna flimkien, qalbna maqtugħa. Wassaltu sal-kamra tiegħu u jiena dħalt f'tiegħi. Wara żewġ minuti rġajt tlaqt niġri ferħan għal kamartu.

'Ejja! Ejja!" għajjattlu.

"X'ġara issa?"

"Sibt wieħed... banju privat!"

Il-bieb ta' kamartu ħadtu b'bieb ta' kamra tal-banju.

*(Imitazzjoni)*

# XERBETT

*Ta'* G. A. Cilia

*Lis-Sur Antonio Valletta*
*li tant għallem lit-tfal*
*iħobbu l-ward u x-xtieli.*

Tisreġ ix-xemx mikwija,
Taħmi s-sinek bil-qilla;
L-art kollha niexfa qoxqox
Minn żmien il-ħsad tas-silla.
Ħadrani biss mal-plajja
Isaltan ix-Xerbett,
Warda sultana,
Rasek imżejna,
Wieqfa, setgħana,
B'kuruna deheb.

Int bħali tħobb il-baħar,
Il-mewġ qalbek tħennilek,
Titgħaxxaq tisma' l-għanja:
Merill ħelu jgħannilek
Ta' l-eħrex blat il-ġrajja
Taf tinseġ sħiħ Xerbett,
Ħames par sjuf (1)
Iżejnu 'l rasek
F'dawra fi truf
Moħba topazji.

Fid-difa t'għodu sajfi
Mulett tal-fidda jilma,
Xi lħudi bħal qawsalla
Iżiġġ, jitliegħeb fl-ilma.
Idduq il-għaxqa ħajja
Tal-bnazzi, ja Xerbett
Weraq bħal labar
Żokk sħiħ imgħaddam
Fi ħdanu ġabar
Sfiq donnhom bosk.

Il-mewġ ikisser, jitħan,
Fost beraq, rgħad u riħ,
Bħal ljun bir-ragħwa f'ħalqu
U jċekċek snienu sħiħ;
Daqs sur fl-irdum, fil-plajja,
Tiqaflu int, Xerbett.

Imsensla għeruqek
Lil artna jħarsu,
Raxx mielaħ fuqek
Dlonk iqawwik.

Ix-xjuħ foqra ta' dari,
Bil-melħ u l-ħall ifuħ,
Il-weraq laħmi tiegħek
Bnin marenat jagħmluh (2);
B'hekk it-toqol tal-ħajja
Tħaffilhom kont, Xerbett.

Rasi għajjiena
Fuqek inserraħ
Wisq drabi jiena
Fid-dell ta' blata.

Fil-moħbi bla tinħamar
Lil Malta tħobb, tħarisha
Biex ġmielha ma jiċkienx,
Biex bħalek inwennisha,
Safja nżommilha l-ġrajja
Dehni nagħtik, Xerbett.

Ħaddar, ja xitla,
B'tama timlieni:
Lili u lil Malta
L-isbaħ ġejjieni.

---

(1) *Sjuf* plural ta' *sejf*. Il-warda tax-xerbett imdawra b'għaxar raġġi.

(2) Ara l-kelma "xerbett" fir-"Repertorio" ta' Gavino Gulia stampat fl-1858.

# IX-XALATA

*Ta'* PATRI A. BORN, O.P.

MALLI qorbot il-festa, Mariroż waħħlitha f'rasha li, għal dak in-nhar, twarrab u tara fejn tmur. U ħadd ma seta' jlumha sa barra għaliex jekk għamlet hekk, kellha għaliex. L-ewwelnett ta' min igħid li kienet taf x'tista' tistenna: li jiġuha ħutha u xi ħbieb b'xi ċorma tfal, jaqilbulha d-dar ta' taħt fuq u jħammġu kullimkien taparsi ġew għall-festa. Barra minn hekk kienet taf li f'jum il-festa, bintha Connie kienet tiddandan bl-isbaħ libsa, erħilha tiġġerra mat-triqat u taqbadlek ma' xi żagħżugħ li, min jaf muejn ikun inqala'. U Mariroż ma ridetx hekk. Dejjem ftaħret mal-ġirien li jekk bintha kienet għadha ma nqalgħetx, mhux għax ma kienx hemm min riedha, imma għaliex dejjem kienet żammitilha, billi fi żminijiet bħal dawn kien hawn ħafna żgħażagħ li jridu jgħaddu ż-żmien biss.

Għalhekk nhar il-festa, Mariroż għalqet darha, qabdet ittliet uliedha u marret għand ommha. Jaħasra, ommha kienet ilha ma tiflaħx u kien xieraq li tmur taraha daqsxejn u, ma għandnex xi ngħidu, jiftħu daqsxejn qalbhom ma' xulxin.

Imma l-għada tal-festa kienet issir ix-xalata. Kienet issir ta' kull sena u kien imur għaliha kulħadd. Mingħajr il-festa għaddiet, imma ma kienx xieraq li ma tmux ix-xalata. Mur ara x'kienu jgħidu l-ġirien kieku kellha ma tidhirx magħhom. Mur ara kemm kienu jtaqtqu u jseksku fuq ix-xeħħa tagħha biex ma ngħidux kemm kienu jeħdulha rasha uliedha malli jaraw linnies sejrin ferħana biex jimlew il-"Private" qabel jitilqu. Għaxxalata ħasbet għax ma kinetx anqas minn ħaddieħor u sa filgħaxija kellha l-barka t'Alla kollha mħżuna fi ġwielaq u sarar biex ikollhom xi jmaxtru sal-aħħar waqt tax-xalata.

Għalkemm ħaġa li narawha b'għajnejna, jeħtieġ imma nsemmuha. Bħal bosta ħwejjeġ oħra, xalata Maltija għandha r-regolamenti tagħha; iva mhux miktubin, imma regolamenti daqs kemm kienu miktubin għax, min ma jqishomx, aħjar ma jmur xalata xejn mill-ewwel. Insemmu xi ħaġa minnhom. Regolament l-ewwel: Biex juru li sejrin xalata, it-tfajliet iridu ilbsu l-"Jeans", jew biex niftiehmu aħjar dak il-qalziet bħal tarrizzi li bih xebba tidher qisha ċombin jew umbrella magħluqa u turi l-ġibda kbira tagħha għall-qliezet. (Il-lum dar-regolament infirex u għalhekk hawn min ma jilbesx il-"Jeans" u jilbes qalziet qasir qasir biex juri kif in-nuqqas ta' mistħija li xi dar-

ba bdiet mill-kxif tal-għaksa, il-lum waslet wisq aktar 'il fuq). Regolament it-tieni: Is-subien iridu jilbsu qalziet qasir ħafna wkoll, jekk jista' jkun b'tixmira biex aktar jiqsar u ma jfixkilhomx fil-mixi; qmis kollha ward u friefet maħruġa barra l-qalziet u fuq kollox beritta bħal tal-ġerrejja li jkollha pizz maħruġ il barra. Mingħajr dil-berritta, xalata ma tkunx xalata. Regolament tlieta: Meħtieġ daqs il-*petrol* li jmexxiha, għall-*private* jew għall-karozza huwa li tkun imdawra b'ħaxix u mżejna bil-palm biex iġibha qisha biċċa ramla ta' Hawajji fuq ir-roti. Regolament erbgħa: Kulħadd għandu jġib xi suffara jew ċuqlajta u, jekk jista' jkun, xi "*horn*" ta' karrozza biex ma jiġrix li mnejn tgħaddi x-xalata n-nies ma jintebħux b'dik il-wirja ta' ħila u kobor li tkun għaddejja żżejjen it-triqat tal-gżira tagħna; għalhekk dawk l-istrumenti ta' hsejjes għandhom jindaqqu l-ħin kollu bla ma jaqtgħu xejn. Regolament ħamsa: Għandhom jiġu mistiedna jew jinkrew xi ħames daqqaqa li fosthom irid ikun hemm *saxophone* u jazz. Is-*saxophone* jeħtieġ li jwerżaq u jistona kemm jiflaħ u l-jazz jeħtieġ li jtanbar il-ħin kollu biex in-nies tax-xalata jidħlu fi spirtu ta' pika u jfittxu li jgħajtu aktar mid-daqqaqa sakemm jinħanqu. Regolament sitta: In-nies tax-xalata għandhom jaħsbu għal ħażna fliexken tal-inbid, tal-luminata u tal-ilma. Dawn għandhom jinġarru biex ma jħallux lin-nies tax-xalata bil-għatx u biex jitkissru u jitħallew fix-xtajtiet, ħalli min jgħaddi minn hemm u jaqta' siequ jkun jaf li l-jum ta' qabel kien hemm xalata.

Konna nieħdu żmien wisq kieku kellna nsemmu r-regolamenti kollha u għalhekk ma nibqgħux insemmu iżjed. Biss ngħidu li fix-xalata li għaliha marret Marіroż b'Connie liebsa l-"Jeans", b'Salvu mżejjen bi qmiż imlewwna u bil-berritta bħal tal-priġunieri Ġermaniżi, u b'Ersilja liebsa l-qalziet qasir qasir, ir-regolamenti li semmejna u li ma semmejniex ġew meqjusa kollha kemm huma u għalhekk kulħadd telaq bil-koxjenza safja li kien għamel minn kollox biex kollox isir kif kien xieraq.

Fost il-għajat ta' ferħ, il-għana, it-tisfir u t-twerżiq, serbut ta' *privates* u karrozzi ta' kull daqs, kull għamla, ta' kull sengħa, deher ħiereġ minn quddiem il-knisja. L-istatwa tal-qaddis li l-jum ta' qabel semgħethom jgħajtu quddiemha qabdet taħseb li kienu ġejjin itennu l-briju tal-jum ta' qabel, imma malli semgħethom jitbiegħdu fehmet mill-ewwel li f'daqsxejn ta' lejl kienu nsewha għalkollox u baqgħet tistenna bis-sabar kollu li jinqala' xi ħadd li jrekkinha fin-niċċa sa sena oħra.

Ma jistax ikun li nduru ma' l-inġenji tas-sewqan kollha, imma nagħtu daqqa ta' għajn biss fejn laħqet daħlet Mariroż. Xtaqet li tmur toqgħod x'imkien il quddiem, imma billi laħqu telgħu xi missirijiet u ommijiet ma' uliedhom flimkien u bagħtuhom jimlew u jdabbru rashom in-naħa ta' quddiem, Mariroż kellha tinxteħet fuq maqgħad tal-wieħed u nofs ħdejn Ċikka, mara ħoxna daqsha jew xi ftit aktar minnha. Il-*private* daqsxejn mgħobbija bis-snin, tqanżħet u faqqgħet, tektket u wriet l-istmerra tagħha bid-daħna sewda li bdiet tħalli warajha; it-tfal bdew iwerżqu u jgħajtu u jgħannu kemm jifilħu, l-irġiel bdew jgħidu l-ħmerijiet li setgħu jaħsbu fihom dak il-ħin bl-imħatra bejniethom min sa jiġi meqjus l-aqwa fosthom ħelu u jaf idaħħak, waqt li n-nisa bdew itaqtqu bejniethom u jgħajtu biex jegħelbu l-ħsejjes kollha li kien hemm madwarhom u jfaqqgħu daħk qawwi biex iħajru lill-irġiel ikomplu jagħmluha tal-ħelwin u jiċċajtaw.

U s-serbut għadda minn raħal għal raħal; serbut ta' kaxxi magħluqa fuq ir-roti jġorru tagħbija ta' kliem u għajat fieragħ, ta' seksik fuq in-nies, ta' ftaħir, ta' tfaqqigħ ta' ċuqlajti u tisfir li ħdejhom kollha id-daħla rebbieħa ġo belt ta' eżerċtu milqugħ minn niesu kienet tħossha mċekkna, mistħija u mormija fit-trab.

Aktar ma mxew il quddiem, aktar żiedu fil-għors tagħhom, u wasal il-waqt li mxebbgħin minn wiċċ xulxin dehrilhom li għandhom jaqsmu x-xalata. Dan kellu jsir għaliex hu mitlub minn regolament li ma lħaqniex semmejna. Dar-regolament igħid li fil-ħin li x-xalata tkun għaddejja mill-irħula u mill-ibliet, in-nies tax-xalata għandhom jinsew lil xulxin u jferrħu lil dawk in-nies li jkunu għaddejjin. Għalhekk huwa meħtieġ li, fil-*Private* jagħtu dahrhom lil xulxin, jixxabbtu sa nofshom il barra mit-twieqi u filwaqt li bosta minnhom itanbru kemm jifilħu b'idejhom ma' żaqq il-karrozza u jgħannu "la, la la, la la la... la la la la la la la la la ("Zaza" *tune*). M'hemms għalfejn ikun f'biebu jew għaddej mit-triq. Jekk min jiġi mkażbar jew issuttat ikun imdejjaq mill-faqar, il-mard jew xi salib ieħor wisq aħjar, għax imġieba bħal din għandha tnissih salibu u tferraħlu qalbu!

Waslu fuq ix-xtajta... u kulħadd irħielha għall-baħar. Ċafċfu u għamu kemm felħu, ixxemmxu u reġgħu qabżu l-baħar, kielu u xorbu, is-subien urew kemm ma jibżgħux mix-xemx u mis-sħana u lagħbu l-ballun fuq ir-ramel, bosta familji ltaqgħu

qaqoċċa bejniethom u ħalltu u qasmu u baqgħu sejrin hekk ma' tulek ja jum sakemm ix-xemx waslet biex tmur tarmi dawlha u saħnitha lix-xaqliba l-oħra tad-dinja. Mariroż ma qabżetx il-baħar għax laħqet inxteħtet fuq ir-ramel taħt biċċa xkora kbira biex ma tilħaqhiex ix-xemx u għaddiet il-jum kollu tpaċpaċ ma' Ċikka, tqassam l-ikel għaliha u għal uliedha, u xxomm ir-riħa ta' baħar u ta' l-alka tielgħa mid-daħla ta' Għajn Tuffieħa.

Kollox kien miexi ħarir. Imma x-xitan ma jaħmelx. Mariroż qatt ma qablet ma' Mudest, u Mudest qatt ma qablet ma' Mariroż. It-tnejn kienu jgħidu li l-waħda tgħir għall-oħra; it-tnejn kienu jsekskų fuq xulxin u t-tnejn kienu moħħhom fuq xulxin. Imma Mudest kienet ħabiba ta' Ċikka u waqt li kienet għaddejja minn ħdejhom waqfet tkellimha.

"Xi pjaċir hawn hux, Ċikk?"

"Ih. Tgħidli xejn. Li kelli nibqa' hawn dejjem ma nħabbelx rasi", qalet Ċikka.

"Xi ħaġa hekk trid tkun għalija, biex nieħu ftit tan-nifs," kompliet Mariroż.

"Tassew, jaħsara. Qatt ma tmur imkien," qaltilha Mudest bi ħniena qarrieqa.

"Ma nafx jien. Donni ma nieħu pjaċir imkien," reġgħet Mariroż.

"Iva, dejjem hekk ngħid. Issa bħal bieraħ, kellna festa bħal dik... u lanqas biss d'hert int."

"Tassew, ma rajniek xejn, Mariroż," qalet Ċikka.

"Għax jien m'għandix moħħ festi."

"Huwa jien daqsek inħobbhom. Imma xi trid tagħmel.

Għandi dar bħal dik, nitgħaxxaq nara n-nies deħlin fiha... u lanqas ma sa nwarrab biex jgħidu li jien xħiħa jew li ma nafx immur man-nies," wieġbet Mudest.

Mariroż fehmet li din kienet daqqa għaliha. Saret ħamra daqs skorfna u belgħetha fiha.

"It-tifla m'hix miegħek?" Ċikka staqsiet lil Mudest.

"Filli kienet ħdejja u filli ma nafx fejn marret."

Għal Mariroż kien wasal il-waqt li twieġeb għad-daqqa li kienet għadha kif waħħlitilha Mudest. Qaltilha:

"Tiegħi telqu wkoll; imma m'iniex moħħi fihom għax naf xi tfal għandi. Għandi dik Connie tistħi wisq."

Sa hawn Mudest kienet għadha ma fehmitx.

Bla ħajna ta' xejn kompliet Ċikka :

"Imma l-lum ma tistax titilqilhom għax malajr issib min iħażżinhom."

"M'intix tgħid ħażin kieku. Imma Connie tiegħi ma għandhiex x'taqsam max-xebbiet tal-lum. Naf xebbiet li daqqa taraħom ma' suldat, daqqa ma' baħri. Sa mat-Taljani qabdu l-aħħar li ġew."

Hawn Mudest laħqet fehmet sew li kienet qed tgħid għal bintha. Infexxet f'daqqa waħda u bdiet tlablab :

"Halli ngħidlek Mariroż... ħadd ma jista' jgħid għal ħadd ...u jekk qed tgħid għal binti, ma tista' tgħid xejn fuqha. Għax ma tgħidx li kulħadd igħir għaliha għax tinqala'... dak li għandek tgħid... u fuq kollox irid ikollok demmek jiġbed ukoll.. xejn ma rrid li jkollii xi tifla qisha għakreb li ħadd ma jridha."

"U hallina Mudest. Jien m'iniex sa mumr ninħaraq minħabba f'uliedi. Bħal binti m'hawn ħadd kif ngħidlek jien."

"Mela mur ara fejn hi bintek ħalli tkun taf. Imma għalxejn kienet qed titkessaħ quddiem dak l-Ingliż għax lanqas biss ħares lejha."

Ċikka riedet kieku tberridhom, imma kollu kien għalxejn, għax il-qiegħa saħnet sew u kelma ġġib l-oħra u fl-aħħar bdew jitgħajru u jaqilgħu ġrajjiet ta' l-imgħoddi li lanqas l-aqwa kittieb tal-ġrajja ma kien jasal bħalhom. Bdew jinġabru n-nies... imma laħqu bdew jitilgħu l-idejn ma' l-uċuħ u f'daqqa waħda sebgħa ta' waħda laqat għajn l-oħra... Kienet bħal xrara li qabdet ħuġġieġa... Ġew fl-idejn... qabdu f'xagħar xulxin... girfu 'l xulxin... u f'daqqa waħda sabu rwieħhom maqbudin f'idejn in-nies, imġebbdin u mqattgħin. Baqa' kulħadd madwarhom kulħadd jgħid u jtaqtaq sakemm xi għajat ftit aktar il-bgħid għarrafhom li kien inqala' xi għawġ ieħor in-naħa l-oħra. Il-ġlied donnu jittieħed. Kienet ġlieda bil-ponnijiet bejn xi rġiel fuq xi għira... Għajat, twerżiq ta' nisa, twaddib ta' fliexken u xi kliem ikreh.

Dalam u x-xalata reġgħet lura. Kulħadd maħnuq għax hekk jitlob l-aħħar regolament. Kulħadd ferħan. Kulħadd kelma waħda sew dawk li ġġieldu u sew dawk li żammew issliem : Kemm ħadna pjaċir !

## QABAR MINSI

*Ta'* Peter Caruana

Kont minsi minn kulħadd fi xtajta mwarrba,
imħaffer ġewwa l-blat ma' ġenb il-baħar.
U xejn ma tisma' għajr kultant xi karba
ta' meta l-mewġ mal-blat ikun jiftaħar.

Kont qisek qiegħed tgħasses lil xi blata
li fuqha rat xi darba żewġ namrati:
Kont għeri minn kull ħlejqa, u mingħajr għata,
kont donnhok tagħti biss kenn lill-fatati.

Ma sibtlekx fdal ta' iġsma ta' xi bniedem;
lanqas ma sibt ħaxixa tgħammar miegħek!
Donnok xi wieħed midneb u issa niedem,
inħbejt qalb il-għoljiet u l-ħemda tiegħek.

Int, o qabar, fakkartni fil-mewt tagħna.
Meta mmutu ħadd aktar ma jarana.

## LIL ĠESU'

*Ta'* Ġużi Abela

Hallini ngħanni,
mingħajr tiċrita waħda
mill-ħalq ta' tfajla sfiqa,
mingħajr kelma qarrieqa
mill-fomm ta' xi ħabib.

Hallini ngħanni,
mingħajr tbissima ħelwa
mill-fomm ta' tfajla rżina,
mingħajr kelma ħanina
mill-qalb ta' xi ħabib.

Hallini ngħanni,
Bik biss Tbissima Eterna,
Int Kelma dejjem ġdida,
Għax fik il-qalb marida
is-saħħa tagħha ssib.

*Corpus Christi College,*
*Victoria, Awstralja.*

## EPIGRAMMI

# Id-Dinja ta' Madwari

*Ta'* P. P. Saydon

Id-dinja mhux kulħadd jagħrafha fi żmien wieħed. Ftit huma dawk li jagħarfuha f'żogħżithom; il-biċċa l-kbira jagħarfuha fi xjuħithom meta jkunu sa joħorġu minnha; oħrajn ma jagħarfuha qatt. Jien domt ma għaraftha. F'żgħożiti kont naħseb li d-dinja kienet bħal ġnien sabiħ imħawwel b'siġar u ward mill-isbaħ, imsoqqi b'nixxigħat ta' ilma ġieri, imhenni bil-għana ħelu tal-għasafar; kont naħseb li l-bnedmin kollha huma marbutin qalb waħda jħobbu 'l xulxin bħalhom infushom; mibegħda u għira u dak kollu li jista' jifred u jħoll il-għaqda tal-imħabba ma kontx naf x'inhu; minn għalija dak li ma kontx inħoss jien f'qalbi anqas ma kien iħossu ħaddieħor. U f'dal-qerq ħelu għaddejt biċċa kbira minn ħajti, inħobb 'il kulħadd nidħak ma' kulħadd. Imma fl-aħħar id-dinja nebbħitni bil-qerq tal-ħajja u dewwqitni l-imrar tagħha. Il-ward tbiddel f'xewk li jniggeż u jigraħ, l-għasafar helwin saru dbejjeb ħorox, l-ilma safi sar imdardar u msemmem; il-bnedmin ma bqajtx narahom marbutin bir-rabta tal-imħabba, imma maħlulin u mxennqin wieħed minn demm l-ieħor. Id-dinja wrietni xinhi, u jien bgħadtha u ħrabtha. Il-għira, il-mibegħda, ix-xeħħa, ir-regħba, l-kburija, l-gideb u l-qerq kollu tad-dinja ma għandu l-ebda rokna f'qalbi. Jien u d-dinja żewġ għedewwa tal-mewt. Emmintha u ħaqritni, u issa, maqtugħ minnha, inħoss f'qalbi hena li qatt ma ħassejtu meta kont ngħix fiha.

Dawn l-epigrammi huma l-karba ta' qalb muġugħa, ta' qalb li ħabbet u ma kenitx maħbuba. Bihom ma ridt nolqot 'il ħadd. Lil kulħadd naħfer. Imma bħalma poeti kbar fissru l-ħass ta' qalbhom f'versi, hekk jien irrid nuri f'dawn l-erba' versi dak li nħoss f'qalbi fil-għabex tal-ħajja.

### ĦBIEB QARRIEQA

Jidher minn barra l-wiċċ ħlewwa u sbuħija,
u taħbi l-qalb il-qerq u l-ħmieġ go fiha.

L-ewwel jien, imbagħad hija u ħatni miegħu,
ħabib, fil-bżonn nixtrih, bla bżonn, inbigħu.

Għaraft id-deni meta għamiltha mal-ħbieb,
l-imħabba tgħallimtha mill-qtates u l-klieb.

Ġid biss għamilt, deni raddewli,
ftaħtilhom qalbi, snienhom urewli.

Ħobb 'il għajrek bħalek innifsek,
tgħid il-liġi nisranija;
ħobb fuq kollox lilek innifsek,
igħidu n-nies li d-dinja fiha.

Deh'b tistajjlu r-ram u l-injam imdieheb,
bħalhom taħsbu d-deh'b jekk magħhom jissieħeb.

**LIL WIEHED KBURI**

Tkabbart, ħabib, ma sar jsegħek imkien,
tiċċekken, tibżagħx, min-nies jew miż-żmien.

'Il kulħadd żgħir tara, inti biss kbir;
għajb għalik, jaħasra, tgħix qalb il-ħmir.

'Il kullħadd sibt artab għal snienek,
għadma waħda sibt li taqqbitlek lsienek.

Drittijiet għalik huma biss kburija,
u kelma fiergħa d-dmir, ġid u tjubija.

Fuq kullħadd tintrefa', kollox għalik;
Alla le; ix-Xitan ġieħu jagħtik.

Għad-dritt tiġġieled għax tgħid li jmiss lilek,
u dmirek tinsieħ kull meta jaqbillek.

'Il kullħadd b'saqajk tirfes u tisħaq,
imma 'l min ogħla minnek qatt ma tilħaq.

Tnejn biss qalu li huma bla dnub, Kristu u l-Fariżew;
lil min tixbah int li minn għalik bla ħtija tassew?

Tagħmelx kemm tiflaħ, għax tiflaħ kemm tiflaħ,
hemm min jiflaħ għalik u fl-aħħar jirbaħ.

Għolejt u tkabbart għax ix-xorti għenitek,
mhux għax jistħoqqlok b'għerfek jew b'ħilitek.

## LIL DAWK TA' ŻEWĠT UĊUĦ

Bil-kliem il-għerf igħidu li jridu jgħollu,
b'għamilhom ir-rabta ta' bejnietna jħollu.

Ċaħda u tbatija ngħallmu l-poplu f'wiċċu,
ġid u tgawdija għalina biss infittxu.

Jaqblu f'li jgħidu, ma jaqblux f'li jaħsbu
qalbhom jaħbu xħin għal-laqgħat jintasbu.

Għajnejk lejn l-art, ħadt ta' qaddis il-qagħda,
taħseb f'Alla... jew f'min sa tigdem għada?

Emmen li jgħidlek, la tagħmelx li jagħmel,
kliemu qdusija, u f'qalbu 'l ħadd ma jaħmel.

Nefħa riħ u ħoss kull ma tgħid u tgħallem,
agħmel l-ewwel, imbagħad mur u tkellem.

## LIL MIN IHOBB IL-FLUS

Xejn mhu tiegħek milli għandek,
għax kull ma għandek ġejj mis-serq;
kollox rodd, mhux elf u tlieta,
għaliex m'Alla ma hemmx qerq.

Ħawwad, bixkel, għawweġ, qarraq,
kelma fiergħa sar id-dritt,
flus f'idejk u ħbieb madwarek,
' Alla biss minnek begħidt.

B'żewġt ixdieq ħadd ma kiel u xeba',
kif tagħmel int biex tiekol b'sebgħa?

Deheb isir kull ma tmiss, ja bin Mida,
għax f'kull ma tagħmel tfittex biss il-qligħ;
ma tibżagħx li l-ħobż li tiekol jinbidel
f'deh'b ukoll u bil-ġuħ tmut minnufih?

Il-flus li ma jafux iħobbu int ħabbejt,
u 'l min ħabbek minn qalbu int ħallejt.

Rqadt bil-ġuħ u tgħum illum fil-ġid,
kif stagħnejt anqas inti ma taf tgħid.

Imweġġaħ il-għani li stagħna bid-dnewwa,
imżeblaħ minn ftaqar għax ried jimxi sewwa.

Sbieħ huma l-flus u għeżież kienu minn dejjem,
bihom ninbigħu u ninxtraw bħal bhejjem.

Flus is-serq ma fihomx barka?
F'dil-ħajja huma sejf u tarka.

Imweġġaħ il-għani kull fejn imur,
imqar fil-ħabs li kull tant iżur.

Ħafna jgħidu li jobogħduk, ja Mammon,
imma f'qalbhom għamlulek l-isbaħ tron.

**LIL WIEĦED FIERAGĦ**

Tħobbu t-tiżjin, tmellis u duħħan fl-arja;
imżejjen ukoll il-ħmar nhar l-Imnarja.

Ħabbejt il-frugħa, fix-xejn jintemm ismek,
malli twarrab il-mewt minn nofsna 'l ġismek.

**IMĦALLTIN**

Regħba u kburija, frugħa u rtubija,
dawn imexxuna, mhux l-irġulija.

Żaqqu mimlija, ma jafx xinhu ġuħ;
"aħdem," hu jgħidlek, "li taqla' mirbuħ."

Temminx fil-bniedem jekk trid temmen f'Alla,
f'Alla biss is-sewwa li l-bniedem ħalla.

Kollox taf u f'kollox tifhem,
kull ma jaħdmu l-moħħ, l-idejn;
ħaġa biss ma tistagħx tifhem,
le ma taf kemm ma taf xejn.

Erba' għadmiet bil-kemm mistura,
xufftejn ħomor, xagħ'r mibrum,
libsa mqaċċta, daħka mqanżħa:
dan kull m'għandha xebba llum.

Qronfla fit-tieqa, ġawhra fid-dar moħbija,
nixfet il-qronfla u l-ġawhra barra mormija.

Saret Malta bħal ħanżir imsemmen
lesta għal qatla, għalkemm ma tridx temmen.

Nimxu 'l quddiem u sejrin dejjem għall-agħar,
ha nergħu lura biex inkunu aħjar.

Hott u ibni, raqqa' u sewwi,
imma l-ewwel il-moħħ dewwi.

Inħallu d-dinja kif sibnieha; jgħid il-għażżien.
Mhux li kont; Imma agħar tħalliha, kif ingħidlek jien.

Bhima jgħidulu min jaħrab minn nies;
għajb dan lill-bhejjem jew ġieh kbir bla qjies?

Qabel mewthom tfaħħarx il-bnedmin,
niftaħħru aħna għax qisna mejtin.

Għakkisni Int Ġesù li taf il-ħniena,
tħallix il-ħżiena jaħqruni bil-ħjiena.

**GHELUQ**

'Il ħadd ma semmejt f'dawn il-vrus,
jekk trid, ħudhom għalik bla flus.

## ĊANFIRA

*Ta'* VINCENT CARUANA

Fil-karnival xi wħud telqulha għall-ballu.
Oħrajn il-knisja marru. 'Ma bi kliemu
Qagħad il-predikatur jintilef f'saħna
Ma' dawk in-nies twajbin li sab quddiemu.

# Varia Atque Breviora

*Ta'* A. Cremona

## GĦILTIJIET FIL-KITBA MALTIJA

### IL-VOKALI "I" FIL-BIDU TAL-KELMA

Xi kittieba ħaduha bi drawwa li dejjem jaqtgħu l-vokali *i* tal-kelma, meta dil-kelma taħbat wara kelma li tispiċċa b'vokali. Dan jagħmluh bla ma jqisu xejn fuq il-valur etimoloġiku jew grammatikali tal-vokali fil-bidu tat-tieni kelma.

Illi wieħed jaqta' l-kelma *i* wara kelma li tispiċċa b'vokali xi kittieba jeħduha bħala regula ġenerali, u dan juri fihom nuqqas kbir ta' reqqa fil-kitba. Dana l-iktar li narawh fl-istampa ta' ġurnali, biex ma ngħidx ta' xi rivisti wkoll, u f'xi kotba 'l hawn u 'l hinn.

Ir-regula hi (u nixtiequ li l-kittieba jifhmuha tajjeb) li *l-vokali* i *fil-bidu tal-kelma tinxtorob mill-vokali tal-kelma ta' qabilha meta dik il-vokali mhix biċċa mill-istess kelma.* Għalhekk jagħmel ħażin min jikteb: *hu kkorda magħhom; huma kkmandaw, huwa kkastiga, huwa llawdja, kienu xxurtjati,* flok: *hu ikkorda magħhom; huma ikkmandaw; huwa ikkastiga; huwa illawdja; kienu ixxurtjati,* fejn l-*i* tal-bidu tal-kelma wara oħra li tispiċċa b'vokali hija tal-kelma, fil-kelmiet: *ikkorda; ikkmandaw; ikkastiga; illawdja; ixxurtjat.* Hekk ukoll ħażin min jikteb *ħafna mpjegati* flok *ħafna impjegati; jagħtu mportanza* flok *jagħtu importanza; kellu nteress* flok *interess*, eċċ.

Iżda, imbagħad niktbu: *meta ndifen* u mhux *meta indifen; kienu mdaħħlin fil-lista* u mhux *kienu imdaħħlin fil-lista.*

Hekk ukoll ma tistax twaqqa' l-vokali *i* meta din l-*i* hija biċċa mill-kelma f'ismijiet li ġejjin minn ilsna oħra, bħal fil-kelma *Ingliż* fejn l-*i* tal-bidu tal-kelma xi wħud jaqtugħa meta din il-kelma taħbat wara oħra li tispiċċa b'vokali u jiktbu *Ngliżi.* Eż: *Kienu ħafna nisa Ngliżi* flok *Ingliżi.*

Regula oħra hija dik li ma tistax twaqqa' l-vokali *i* tal-bidu tal-kelma wara kelma oħra li tispiċċa b'vokali, meta l-*i* għandha valur grammatikali u mhux fonetiku *(prostetiku)* jew valur etimoloġiku. Għalhekk niktbu: *Morru iktbu; staqsiena isimna; qabadlu idu; lewnu isfar; agħma iżraq.*

Hemm min jidhirlu li għandu jbiddel l-*i* f'*j* meta l-*i* taħbat wara oħra li tispiċċa b'vokali. Ngħidu aħna: *jsimna* flok *isimna;*

*jtjeb* flok *itjeb*; *jktbu* flok *iktbu* fejn l-*i* jbiddluha f'*j*. Ir-regula hi li l-*j* (*ja*) tista' tinxtorob u ssir *i*, meta din taħbat bejn żewġ konsonanti; imma l-*i* ma tistax issir *j*. Hekk nistgħu niktbu: *Hu mar idur*, flok *jdur*; imma ma nistgħux niktbu: *lewnu jkħal* flok *ikħal*; *dan l-inbid togħmtu jtjeb minn l-ieħor*, flok *itjeb*.

Fuq dawn l-irqaqat ta' kitba, kiteb ukoll il-Prof. Mgr. Dun P.P. Saydon *f'Leħen il-Malti* ta' Ottubru u Novembru-Diċembru, 1934.

## KRITIĊI U KRITIKI

Xi wħud mill-kittieba jieħdu wkoll bħala regula fissa dik li fl-inflessjoni ta' nom il-konsonanti għandhom jibqgħu l-istess, ukoll fi kliem barrani. Iżda xi reguli għandhom l-eċċezzjonijiet tagħhom, l-aktar meta xi kliem barrani jidħol fil-Malti. Il-kelmiet bħalma huma *kritika*, *grammatika* meta jiġu biex naqilbuhom għal plural fil-Malti jieħdu dawk id-desinenzi ta' plurali li jagħżluhom fit-tifsira tagħhom, bħalma nsibu fit-Taljan. Sew il-kelma *kritika*, kemm il-kelma *grammatika*, jieħdu l-plurali *kritiki* u *kritiċi*; *grammatiki* u *grammatiċi*; *kritiki*, bħala nom. Eż: *Il-kritiki li saru fuq dak li kien kiteb eċċ.*, u *kritiċi* bħala aġġettiv; hekk ngħidu *studji kritiċi* u mhux *studji kritiki*. Hekk ngħidu *grammatiki* plural ta' *grammatika*, u *grammatiċi* plural ta' l-aġġettiv *grammatiku*. Hekk nistgħu ngħidu illi dak il-kliem misluf mit-Taljan li jispiċċa bid-desidenza *co* jew *ca* b'tifsira ta' aġġettiv, fil-plural Malti jieħu d-desinenza *ċi* u mhux *ki*. Hekk ngħidu: *pubbliċi* u mhux *pubbliki* (Eż: *Atti Pubbliċi*); *akkademiċi* u mhux *akkademiki*; *prattiċi* u mhux *prattiki*, *fantastiċi* u mhux *fantastiki*.

Il-kelma *Awstrja* xi wħud jiktbuha *Awstrija* meta għandha tinkiteb *Awstrja*: *industrija* flok *industrja*.

## METATESI U AFERESI FI KLIEM MALTI MISLUF

Il-*metatesi*, jiġifieri taqlib ta' ittri fil-kelma hija ħaġa komuni f'ħalq in-nies ta' mingħajr skola; fost dan il-kliem insemmu xi ftit ġejjin mit-Taljan, bħalma huma: *Ranġis* minn *narcisio*; *kanolla* minn *colonna*; *Tirnità* minn *Trinità*; *straport* minn *trasporto*; *timplor* minn *punteruolo*; *kurkant* minn *croccante*; *purfum* minn *profumo*; *pirċieda* minn *proteggere*.

Insibu wkoll *metatesi* fi kliem Malti bħal: *Jikbi* flok *jibki*; *bil-wiefqa* flok *bil-wieqfa*; *qbajna* flok *bqajna*.

Insibu wokll *metatesi* fi kliem imnissel mill-Għarbi bħal fil-

kelmiet: *ġibed* flok *ġadab;* hekk *ġebbieda* flok il-kelma Għarbija *ġallâba; ġlied* flok *ġadâl* mill-għerq *ġadal(a)*.

L-*Aferesi*, jiġifieri qtugħ ta' ittra jew sillaba fil-bidu tal-kelma nsibuha f'ħafna kliem bil-Malti aktarx ġejjin mit-Taljan, fosthom nistgħu nsemmu dawn: *sptar* minn *ospedale; anterna* minn *lanterna; otterija* minn *lotterija; attiċini* minn *latticini; fabbli* minn *affabile; stoċċ* minn *astuccio; ittra* minn *lettera; sprag̀* minn *asparago; storbju* minn *disturbo; rambaġġ* minn *arrembaggio; riegnu* minn *origano; lastku* minn *elastico; żarma* minn *disarmare; Lixandra* minn *Alessandria; Taljan* minn *Italiano; alonga* minn *alalonga; ardu* minn *lardo* jew *lard* (Ingl.); *ajk* minn *laico*; u oħrajn.

## SĦAB . . .

Ta' C. CASSAR

*(Waqt attakk mill-ajru)*

Ħarist fis-sema. Sħab mudlam sewdieni
Kien joħnoq ġmiel u dija. L-ebda dija
Ma timraħ l-għajn ta' kwiekeb imbikkija:
Donnu ġġedded il-jum tad-dnub ewlieni.

Mid-dlamijiet ta' l-art, dawl twil qalbieni
Jidher jitliegħeb; jgħarrex fit-tfittxija
L-għadu qalil, ta' ħsejjes qerrdija
Li jnisslu l-biża' u 'l ħadd ma jħallu hieni.

Sħab ieħor ikreh nara jien madwari
Jitħabbel miegħi u jtaqqalli 'l qalbi;
Ifakkarni fl-imrar li ħassejt dari.

U moħħi jogħla 'l fuq, fejn qtajja' qtajja'
Jimirħu l-ħsibijiet, 'ma xewqat talbi
Ifittxu d-dawl waħdieni—id-dawl ta' ħajja!

# REĊENSJONIJIET

**"KALENDARJU TAL-ĦXEJJEX U ĦWAWAR"** ta' Kelinu Vella Haber. Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp, Ħamrun. 1958. Paġ. 32.

Is-sena l-oħra kont ktibt kelmtejn dwar xogħol ieħor tas-Sur Vella Haber li kien jittratta fuq il-fjuri. Issa l-awtur tana dan il-ktieb tiegħu fuq ħxejjex u ħwawar. Il-ktieb maqsum fi tliet taqsimiet: fl-ewwel waħda l-awtur jagħti tagħrif ġenerali fuq il-ħxejjex tal-kċina, dawk tal-ħwawar u dawk tal-fwejjaħ; fit-tieni taqsima hemm tagħlim fuq il-koltivazzjoni f'kull xahar; fit-tielet taqsima hemm lista ta' ħxejjex u frottijiet li wieħed jista' jiżra, ixettel jew ikabbar fil-Gżejjer tagħna.

Laqtuni f'dan il-ktieb is-sistema ċar u ħafif li bih hu miktub biex iwissi u jgħallem u l-qarrej bla dubju jagħmel profitt mill-qari ta' dan il-ktieb għax il-kittieb hu magħruf tajjeb u mħarreġ tassew dwar is-suġġett u għandu xeħta biex dak li hu jaf ifissru lill-qarrej.

Il-lum hawn ħafna djar li għandhom daqsxejn ħamrija jew għall-inqas ħawt bit-trab fejn jiżirgħu xi ħxejjex u ħwawar għad-dar. Din hija drawwa ta' min ifaħħarha għax il-mara tad-dar mhux dejjem issib tixtri dawk il-ħwawar u jista' jkun li ma ssibhomx meta l-aktar li jkollha bżonnhom; barra dan hi mhux biss tiffranka, iżda tkun tista' theżji tisjir għall-familja aktar tajjeb u appetituż.

Għalhekk l-awtur ħaqqu tifħir għal din is-sensiela ta' kotba ta' tagħlim li qiegħed joħroġ u l-poplu jmissu jagħmillu l-ħila billi jikseb kopji ta' dawn ix-xogħlijiet.

G.

**"QTAR TA' NIDA"** — Gius. Mifsud Bonnici. — Empire Press 1958. pp. 70.

Bħalma kiteb P. G. Delia S.J. fid-"Daħla" sabiħa għal din il-ġabra ta' poeżiji, *"hu l-iktar dawn il-ħsibijiet li hemm miġbura fih, li jagħtu l-veru valur lil dan il-ktieb"*.

L-awtur, li dejjem kellu għal qalbu t-tagħlim u l-edukazzjoni taż-żgħażagħ, b'din il-ġabra ta' poeżiji aktar kellu f'moħħu l-ħsieb li jgħallem milli jagħtina poeżiji ta' valur kbir letterarju. U dan il-ħsieb l-awtur innifsu ma ħbiehx meta fissru mill-ewwel fil-poeżija li kiteb bħala introduzzjoni għall-ktieb tiegħu:

*Għeziez tfal twajba,*
*Hejjejtu għalikom*
*Dal-ktejjeb tiegħi,*
*Biex trawmu fikom*
*Qalb li tħobb 'l Alla,*
*Tħeġġeġ bħan-nar,*
*Tħobb 'l art twelidkom,*
*L-iskola, id-dar.*

Imma waqt li naqraw l-istrofi sbieħ u mexxejja, aħna nsibu fihom mhux biss it-tagħlima li tiswa ħafna għall-ħajja — l-iżjed tat-tfal u ż-żgħażagħ—iżda wkoll xi deskrizzjonijiet milqutin li għandhom jogħġbu lil kull min jaqrahom. Ara kif jiddeskrivi lill-"Kburi". Barra li jagħ-

tina mera ċar tal-karattru ta' bniedem kburi, jagħtina wkoll pinzellati b'sengħa kbira ta' mgħallem:

*Mimli biħ u żorr, biċ-ċiera;*
*Ta' ruħ sewda, igħix bla sliem.*
*Kollu ħerra, mgit, ftit kliem;*
*Rasu żonqra, qalbu xiefra,*
*Ta' ruħ sewda, igħix bla sliem.*
*Rgħib għas-setgħa, qatt xebgħan;*
*Xebħ imqaxxar tax-xitan.*

F'din il-ġabra kbira ta' poeżiji qosra l-poeta jsemmi x'għandu jħobb il-bniedem u x'għandu jistmerr, u wkoll kif għandu jġib ruħu f'bosta ċirkustanzi. Għalhekk din il-ġabra ta' poeżiji hi mqassma fi tnejn: "Il-Qalb" u "L-Imġieba". M'hemmx ħaġa tajba u sabiħa li jista' u għandu jħobb il-bniedem li ma tissemmiex f'din il-ġabra ta' poeżiji—Alla, il-bniedem, il-ħolqien, id-dar, il-missier u l-omm, art twelidek, it-tagħlim, il-għaqda, ix-xogħol, id-dmir, l-arti, l-umiltà, il-ħniena, il-qlubija, il-karattru, is-salib, is-sewwa, is-sliem u mitt ħaġ'oħra. Fost l-imħabbiet li l-poeta jrid isaħħaħ fina, wara dik lejn Alla, huwa jsemmi l-imħabba lejn art twelidna. Aqra l-poeżija patrijottika "Il-Bandiera" ġawhra f'erba' versi:

*Bajda u ħamra—safa, imħabba!*
*Hi l-bandiera li tmexxina.*
*Perper fl-għoli, sebħ ta' ġensna,*
*Ġieħ ġrajjietek naqqxu fina.*

D. F. C.

**"ĠIŻIMIN AĦMAR"** — P. Marjanu Vella O.F.M. — Empire Press, 1958, pp. 84.

Biċċa kbira fost dawk li ħarġu ġabra ta' poeżiji bil-Malti f'dawn l-aħħar ftit snin ma żiedu xejn bix-xogħlijiet tagħhom fil-Letteratura Maltija. Għal ħafna—xjuħ u żgħażagħ—il-poeżija mhix ħlief ġabra ta' versi mqabblin ma' xulxin b'metru aktarx mibni fuq il-kantalieni tal-għana tradizzjonali Malti. Tistagħġeb kif poeżiji bħal dawn isibu min jippubblikahom f'rivisti u kotba.

Dan ma nistgħux ngħiduh għall-ġabra ta' poeżiji, bl-isem "Ġiżimin Aħmar", li għadu kemm ħareġ P. Marjanu Vella, O.F.M. F'dan il-poeta Franġiskan mill-ewwel dehret dik ix-xejra poetika fl-ewwel poeżiji li ħareġ għad-dawl f'xi rivisti u f'kotba. Kittieba żgħażagħ bħal P. Marjanu ta' min jagħmlilhom il-qalb, għaliex ladarba jkun hemm it-talent tal-poeżija, bis-sabar u biż-żmien il-kitba taħroġ dejjem aħjar u tista' tasal f'livell tassew għoli.

Fil-biċċa l-kbira tal-poeżiji li naqraw f'"Ġiżimin Aħmar" insibu messaġġ—messaġġ ta' Ġmiel jew ta' Tjubija—li għandek tistennieh f'kull poeżija li taqra. Il-poeżiji tiegħu ma nistgħux insejħulhom taqbiliet bla sens bħal ħafna li naqraw ta' kittieba oħrajn. Il-versi tiegħu jimxu ħafif u bla tiġbid; il-ħsibijiet huma mfissrin bi kliem magħżul tajjeb u minsuġin ħaġa waħda hekk li jorbtu l-poeżija fil-ħsieb ewlieni. Dan kollu jgħin mhux ftit lill-qarrejja biex jifhmu u japprezzaw il-poeżija.

Il-poeżiji reliġjużi ta' P. Marjanu m'għandhomx dik ix-xeħta kon-

venzjonali bħal ta' ħafna kittieba oħrajn. Fihom ukoll hemm il-ħajja, is-sinċerità u l-immaġinazzjoni. Fil-poeżija "Inħobb", sakemm tifhem il-ħsieb tiegħu l-poeta jaħsdek meta jgħid:

*'Mma kemm inħobb narak maħsul bid-dmija*
*Fuq l-Għuda tas-Salib,*
*Minsi, maħqur għalija.*
*Għax minn dik l-Għuda Int tgħallimni l-fruġħa*
*Ta' min jistmerr imħabbtek*
*U jiġri wara l-bluha.*

Għoġbuni fost oħrajn is-sunett "Visio Nocturna", il-poeżiji "Tarbija", "Inħobb", "Ismijiet" u l-leġġendi "Gizimin Aħmar", "Ir-Ras tal-Kurċifiss" u "Il-Fjurett". F'dawn il-poeżiji u f'ħafna oħrajn tammira l-fantasija tal-poeta u l-ħlewwa u s-sempliċità Franġiskana li bihom huma mfissrin hekk tajjeb.

Meta taqra din il-ġabra kollha ta' poeżiji, malajr tintebaħ li P. Marjanu jħobb jaqra ħafna x-xogħlijiet ta' l-aħjar poeti Maltin, l-iżjed ta' Dun Karm, Rużar Briffa, Ġorġ Pisani u Karmenu Vassallo. Nittamaw li din il-ġabra ta' poeżiji ta' P. Marjanu Vella ma tkunx l-aħħar waħda. Flimkien mal-missjoni ta' saċerdot, il-poeta jħoss id-dmir u s-sejħa għall-Poeżija. Għalhekk P. Marjanu, f'waħda mill poeżiji tiegħu "In Aeternum Cantabo", li tfakkrek fil-poeżija "Pars Mea" ta' Ġorġ Pisani, jitlob 'l Alla.

*Hudli jekk trid kull m'għandi; dawl għajnejja,*
*Kollox, kull m'għandi fija,*
*'Mma ġewwa sidri ħalli jaqbad dejjem*
*In-Nar tal-Poeżija.*

D. F. C.

**"LEĠĠENDI"** — G. Delia, S.J.—Tipografija: Giov. Muscat and Co. Ltd., Valletta, Malta. 1958.—Pp. 132.

Din hija sensiela ta' disa' leġġendi miktubin b'versi, il-biċċa l-kbira tas-sebgħa, u xi tnejn fosthom, tad-disa' sillabi, bi strofi ta' erba' versi, bit-tieni u r-raba' versi jaqblu fir-rima.

L-awtur kien għall-bidu magħruf għall-poeżija lirika sentimentali tiegħu b'versi u metru mħalltin li fihom dejjem wera qawwa ta' immaġinazzjoni, ħlewwa ta' ritmu u stil klassiku, iżda f'dawn l-aħħar għaxar jew tnax-il sena l-pinna poetika tiegħu nxteħtet għall-poeżija leġġendarja li fiha wkoll wera ħila partikulari fl-istil narrattiv li fil-musa Maltija tal-poeti l-għodda, sħabu ftit jew xejn ma kienet dehret qabel. ħlief 'l hawn u 'l hinn f'xi ballata.

B'hekk Delia, biex ngħid hekk, kellu għal din ix-xorta ta' poeżija jitbiegħed mill-għamla ta-poeżija Maltija mhux biss ta' sħabu, imma woll ta' dawk il-ftit poeti Maltin li f'għeluq is-seklu li għadda u l-bidu

ta' dan is-seklu kienu bdew iżejnu l-letteratura Maltija b'versi ta' xeħta letterarja, u jxidd l-versi ġodda tiegħu b'libsa popolari fuq it-tifsila u l-istil tal-versi narrativi ta' Gan Anton Vassallo u Preca fil-*Ħrejjef u Ċajt* tagħhom, u ta' xi oħrajn.

Iżda, għandna, madankollu, nistqarru li fl-istil narrativ sebaq mhux ftit lil ta' qablu sew għal dik li hi immaġinazzjoni, ritmu u għażla ta' kliem, jekk mhux għal dak li hu metru, li Delia, f'din ix-xorta ta' poeżija deherlu li għandu jibqa' jżomm b'dik in-nota karatteristika u tradizzjonali tal-għanja Maltija. Din il-kwalità eċċezzjonali tal-għanja Maltija ta' Delia fil-poeżija leġġendarja wrihielna bir-reqqa kollha l-Avukat Ġorġ Zammit fil-*Kelmtejn ta' Qabel* fil-bidu tal-ktieb. Il-lum Delia ġie fuq hekk aktarx magħruf bħala l-Poeta tal-Leġġendi.

Il-poeżija leġġendarja Maltija, għalkemm bil-versi ta' Delia tidher bħala ħaġa ġdida fil-letteratura Maltija, kellha sehem kbir fil-letteraturi qodma ta' nazzjonijiet oħra, u nistħajjel ukoll fil-fomm ta' l-għannejja fil-Qrati tar-Rejjiet ta' l-Ewropa.

Fil-versi narrativi ta' Delia nsibu preġi li ma nsibuhomx fil-poeżija narrativa ta' qablu, fejn sew l-istil kemm ukoll il-kliem huma neqsin mir-reqqa teknika, mill-immaġinazzjonijiet metaforiċi u simboliżmu li fil-versi ta' Delia iżejnu r-rakkont u jżidu fl-effett pittoresk ta' l-episodji b'fond ta' kwadri imżewqin li jgħaxxqu u jsaħħru l-moħħ tal-qarrej, l-aktar tat-tfal li fihom l-effett morali jaħdem bi ħlewwa innoċenti wisq iżjed milli fil-moħħ tal-kbar.

Il-leġġendi ta' Delia għandhom effett psikoloġiku qawwi fuq is-sentimenti tal-qlub li xi minn daqqiet jisboq saħansitra dak li jitnissel mir-riflessjonijiet morali wara l-qari ta' ktieb spiritwali, għax tista' tgħid kull waħda mil-leġġendi għandha l-morali reliġjuż tagħha marbuta, bħalma jfisser l-Avukat Ġorġ Zammit, *mar-realtà, ma' l-iskop reliġjuż jew ċivili edukativ b'simboliżmu universali.*

Bħalma wrejna, din ix-xorta ta' poeżija titbiegħed mix-xeħta klassika tal-versi ta' l-istess awtur li kien soltu jikteb qabel, għaliex ix-xeħta tal-għanja leġġendarja, bħalma naraw f'ilsna oħra hija popolari, mexxejja fir-ritmu, fil-bini tal-vers u fil-għażla tal-kliem.

Għalhekk il-qarrej jista' 'l hawn u 'l hinn jiltaqa' ma' xi vers daqsxejn waħda merħi fil-ħsieb u fil-bini, kif ukoll xi kelma aktarx prożajka milli poetika, mhux bħala feles għar-rima, iżda bħala biċċa mill-insiġ imżewwaq tal-libsa popolari tal-poeżija narrativa.

Fl-aħħarnett ta' min isemmi li għalkemm xi wħud mil-leġġendi (biex ma ngħidx dawn il-leġġendi) kienu magħrufa mit-tradizzjoni jew mill-qari ta' kotba ta' ilsna oħra, għandna nistqarru, iżda, illi l-pinna poetika ta' Delia libbsithom b'libsa ġdida magħmula bi drapp Malti ta' nisġa l-aktar mżewqa bi lwien mistħajlin, b'episodji ġodda u b'sengħa narrativa li tixraq sew għall-moħħ tat-tfal kemm tal-kbar.

A. C.